

Brussell, 13 ta' April 2026
(OR. en)

7617/26

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0228 (COD)

CODEC 512
AGRI 206
AGRILEG 63
SEMENCES 6
PHYTOSAN 16
FORETS 41

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE **(l-ewwel qari)**
- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha¹ lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Diċembru 2023².
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-24 ta' April 2024³.

¹ 11503/23 + ADD 1.

² ĠU C, C/2024/1583, 5.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1583/oj>.

³ 10951/24.

4. Fid-19 ta' Diċembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar ir-Regolament⁴ imsemmi hawn fuq, wara kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.
5. Fit-2 ta' Marzu 2026, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Parlament Ewropew (AGRI) ikkonferma l-qbil proviżorju. Sussegwentement, il-President tiegħu bagħtet ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li fiha ddikjarat li l-Parlament Ewropew, fit-tieni qari tiegħu, għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi⁵.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 17102/25, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 17102/25 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Ġermanja, l-Awstrija u s-Slovakkja jivvutaw kontra u s-Slovenja tastjeni.
7. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.

⁴ 16169/25.

⁵ 7031/26.